# LEĦEN IL-PARROĊĊA TAL-QALB BLA TEBGĦA TA' MARIJA BURMARRAD

*Marzu 2016* *Nru: 394*




☎ 21573045 / 77622275
parrocca.burmarrad@maltadiocese.org
www.parroċċaburmarrad.com
Il-Parroċċa ta' Burmarrad

## Differenti

Matul dan ix-xahar il-Knisja tiċċelebra l-ġrajja l-aktar importanti tal-istorja meta Ġesù ta ħajtu fuq is-salib bħala s-siġill ta' dik l-imħabba li Alla ħabb lill-bniedem biha sa mill-ħolqien u Alla qajmu mill-mewt biex lilna jagħtina li naqsmu fil-ħajja ġdida u glorjuża tiegħu.

Tentazzjoni kbira li jista' jkollna matul dawn il-festi hi li niftakru li dan kollu diġà ċċelebrajnieh minjaf kemm-il darba u li ngħidu lilna nfusna li nafu x'jiġri għax kollox



sa jkun bħas-snin ta' qabel. Jekk nagħmlu hekk nispiċċaw niċċelebraw dan l-Għid bħala spettaturi u nħarsu lejn dak kollu li jiġri mill-bogħod mingħajr ma nħalluh imiss lil qalbna.

Il-misteru tal-Għid (jiġifieri l-ġrajja tal-passjoni, l-mewt u l-qawmien ta' Ġesù mill-mewt) mhux storja li nisimgħu imma ġrajja li sseħħ f'ħajjitna. Irridu nħallu l-imħabba bla tarf ta' Ġesù tinfed lil qlubna biex nitgħallmu ngħixu u nitgħallmu nagħtu ħajjitna. Irridu niġġeddu fil-ħajja tal-mifdijin u ngħixu ta' nies ħielsa fid-dawl tal-Mulej rebbieħ u glorjuż!

Kull Għid li niċċelebraw irid ikun differenti u ġdid għaliex fih jiġbor l-eżistenza kollha tagħna b'dak kollu li għaddejna jew għaddejjin minnu.

Ejjew ma nibżgħux noffru ħajjitna kollha kif inhi lil dak li sa jġeddidha u jqaddisha biex iwaħħadha ma' tiegħu: Ġesù Kristu.

*P.Christian Anthony Borg OFM Conv.*
*Kappillan*

# Il-Mewt m'għandhiex l-aħħar kelma

L-aħħar kelmiet ta' qsim il-qalb ta' tifel Sirjan ta' tliet snin qabel miet fil-gwerra li għaddejja fis-Sirja kienu: 'Issa ngħidlu lil Alla'. Qegħdin ngħixu fi żminijiet ta' swied il-qalb kbir. Is-sitwazzjoni tad-dinja tidher li hija tal-biki, mhux biss minħabba l-ħruxija tal-gwerer, imma anki minħabba l-ħsara li għamilna lill-ambjent. Ħafna nies m'għadhomx iridu jisimgħu aħbarijiet. Saret wisq dipressanti tisma' dak li qiegħed jiġri. Anki qrib ħafna tagħna, fil-familji tagħna….kulħadd bil-problemi, kulħadd bl-istress, kulħadd b'rabja ma' tista' tkellem lil ħadd, għira, tfal bla dixxiplina u kontroll, sabar u sagrifiċċju spiċċaw, allerġija għall-affarijiet tal-Knisja u għat-talb…..qlibna d-dinja ta' taħt fuq! Kollox spiċċa! L-akbar tentazzjoni illum hija li taqta' qalbek.



Kollox spiċċa? It-tweġiba tal-Għid tal-Mulej hija LE, MA SPICCAX KOLLOX. L-aħħar kelma m'hix tal-mewt, tal-gideb, tal-għira, tal-inġustizzja, tad-dlam, tal-ħażen, tat-telfa. L-aħħar kelma hija tad-dawl, tal-imħabba, tat-tjubija, tal-ħajja. Lanqas il-mewt ma qerdet lil Alla, għax Alla qajjem lil Ġesu Kristu mill-mewt. L-aħħar kelma hija tal-qabar vojt li ħalla warajh Ġesu' Kristu.

J'Alla kull wieħed u waħda minna niċċelebraw qawmien ta' veru dan il-Għid. J'Alla noħorġu mill-qabar tagħna. Dan hu l-Jum li għamel il-Mulej. Ħa nifirħu u nithennew fih.

Hu qam kif kien qal Hallelujah!

# Ħniena

F'dan iż-żmien tar-Randan niftakru b'mod speċjali fil-ħniena kbira ta' Alla lejna għaliex Ġesù Ibnu jagħti ħajtu għalina biex jeħlisna mid-dnub. Din il-Ħniena li Alla juri magħna rridu nwassluha lil ħutna……

*Tiftakarhom l-opri tal-Ħniena?*

<u>Hemm 7 li jmissu l-ġisem</u>

1. Itma' lil min hu bil-ġuħ
2. Isqi lil min hu bil-għatx.
3. Libbes lil min hu għarwien.
4. Ilqa' lil min hu bla dar (frustier).
5. Żur il-morda.
6. Żur il-ħabsin.
7. Idfen il-mejtin.

<u>Hemm 7 li jmissu r-ruħ</u>

1. Agħti parir tajjeb lill-ħosbien.
2. Għallem lil min ma jafx.
3. Widdeb lill-midinbin.
4. Farraġ lill-imnikktin.
5. Aħfer il-ħtijiet.
6. Ħu sabar b'min idejqek.
7. Itlob 'l Alla għall-ħajjin u għall-mejtin.

## Ħasil tar-riġlejn

Din is-sena, skont ix-xewqa tal-Papa Franġisk, sa naraw tibdil fir-rit tal-ħasil tar-riġlejn li jsir f'Ħamis ix-Xirka. S'issa kien ikollna 12-il raġel li jfakkru r-rabta ta' Ġesù mal-appostli li hu għażel biex imexxu l-Knisja. Ġesù jaqdi li dawk li hu għażel u jitlobhom jagħmlu l-istess f'ismu. Minn din is-sena sa jkollna nies minn kull qasam tal-ħajja (tfal u adulti, irġiel u nisa) biex niftakru li bħal Ġesù l-insara jridu jaqdu lil kulħadd mingħajr ebda distinzjoni u jwasslu l-imħabba tal-Mulej f'dak li jagħmlu ma' xulxin.



## *Konkors Sena tal-Ħniena*

Tkun ħaġa xierqa li matul din is-sena ngħinu lil xulxin naħsbu fuq il-ħniena kbira ta' Alla. Għalhekk qegħdin nitolbukom tieħdu sehem f'dan il-konkors b'xi riflessjoni li tgħin lil parruċċani oħra matul din is-sena. Din tista' tkun forma ta' tpinġija, poeżija, rakkont … Jista' jieħu sehem kulħadd, kbar u żgħar.
Dak li tibgħatu jista' jidher f'dan il-fuljett u fuq is-sit elettroniku tal-parroċċa. Aktar tard ix-xogħolijiet kollha jkunu esposti fis-sala tad-dar parrokkjali l-ġdida fl-okkażjoni tal-ftuħ tagħha (dwar dan inkellmukom darba oħra). Għandkom ċans sal-15 ta' Mejju biex tgħaddu x-xogħol tagħkom lill-kappillan.

## Kalendarju – Marzu 2016

**6** Via Sagra minn ħdejn il-Ground tal-Futbol sal-Kappella ta' San Mikiel. *Insejħu fuqna l-Ħniena t'Alla u nitolbu għax-xita.* Nibdew fit-3.30pm. Nistiednu b'mod speċjali lill-bdiewa u l-familji tagħhom biex jieħdu sehem. Nipprovdu trasport lura lil min ma jkunx jiflaħ jimxi.

**10** Ċelebrazzjoni Penitenzjali bi tħejjija għall-Għid il-Kbir fis-6.15pm. Ikun hawn saċerdot minn barra għall-qrar.

**11** Pellegrinaġġ għall-Bażilka tal-Isla. Tluq fit-8.30am. *Booking fis-sagristija jew fuq 99257257.*

Quddiesa u Via Sagra fit-toroq tal-Wardija fis-6pm

**12** Dramm tal-Passjoni fil-Knisja fis-7pm.

**14-18** Eżerċizzi Spiritwali għal kulħadd fil-quddiesa ta' filgħaxija mmexxijja mill-Kappillan.

**18** Festa devozzjonali tal-Verġni Marija taħt is-salib tal-Mulej (*id-Duluri*).
5.30am Quddiesa
6.15am Quddiesa
12.30pm Quddiesa għall-ħaddiema
6.15pm Quddiesa Solenni
7.00pm Pellegrinaġġ bl-istatwa tad-Duluri
8.00pm Quddiesa

**19-20** Bazaar fil-*crying room*

**20** **Ħadd il-Palm.** Fit-8.30am ninġabru fit-tarf tal-pjazza biex infakkru d-dħul solenni ta' Ġesù f'Ġerusalemm. Wara ssir quddiesa solenni fil-Knisja.

**21** **It-Tnejn tal-Ġimgħa Mqaddsa:** Wara l-quddiesa ta' filgħaxija ssir Lectio Divina b'introduzzjoni għall-Ġimgħa Mqaddsa.

**22** **It-Tlieta tal-Ġimgħa Mqaddsa:** Wara l-quddiesa ta' filgħaxija ssir tifsira tat-Tridu tal-Għid.

**23** **L-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa:** Wara l-quddiesa ta' filgħaxija ssir meditazzjoni qasira marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa.

**24** **Ħamis ix-Xirka:**

7.30am Uffiċċju tal-Qari u Tifħir ta' Sbieħ il-Jum
Qrar bejn il-5.30pm u s-6.45pm
9.00am Quddiesa bit-Tberik taż-żjut fil-Konkatidral ta' San Ġwann il-Belt Valletta.
7.00pm Quddiesa Solenni tal-Ikla tal-Mulej bil-ħasil tar-riġlejn.
8.30pm Adorazzjoni (Wara l-Knisja tibqa' miftuħa għat-talb fis-skiet)
9.00pm Pellegrinaġġ bis-seba' viżti organizzat mill-Kumitat tal-Festa. *Booking fis-sagristija jew fuq 99257257.*

**25** **Il-Ġimgħa l-Kbira:** *Jum ta' Sawm u Astinenza*

7.30am Uffiċċju tal-Qari u Tifħir ta' Sbieħ il-Jum
10.00am Talb ta' nofs il-Jum bis-sehem tat-tfal
3pm Tifkira Solenni tal-Passjoni tal-Mulej

**26** **Sibt il-Għid:** *Jum ta' Silenzju u meditazzjoni*
7.30am Uffiċċju tal-Qari u Tifħir ta' Sbieħ il-Jum
Qrar bejn is-6.30pm u s-7.30pm
8pm Ċelebrazzjoni tal-Lejl Qaddis.

**27** **L-Għid il-Kbir:**
Wara l-quddiesa tat-8.30am isir it-tberik tal-figolli u l-ħelu tal-Għid.

**31** Ġublew tat-tfal ma' Mons. Arċisqof fil-Katidral tal-Imdina. *(Dettalji aktar 'il quddiem)*

Minn qalbna nawgurawlkom
Għid Qaddis
b'kull barka tal-Mulej.

*Kif rajtu l-programm ta' dan ix-xahar huwa twil mhux ħażin. Huwa żmien speċjali ta' grazzja għalina l-insara. Bħala komunità nisranija rridu niċċelebrawh bl-aħjar mod għaliex din hi l-akbar festa għalina l-insara. Xi wħud minn dawn l-appuntamenti jitolbu ftit tas-sagrifiċċju. Nagħmlu l-qalb u ma nfallux filwaqt li nieħdu ħsieb inħeġġu lil uliedna, qrabatna u ħbiebna biex jattendu huma wkoll.*
*Matul l-ewwel tlett ijiem tal-Ġimgħa Mqaddsa sa jkun hemm laqgħat qosra ta' għajnuna biex niċċelebraw aħjar u nifhmu dak li jkun qed isir.*
*Nirringrazzjaw ukoll lil dawk kollha li minn ħafna qabel u minn wara l-kwinti jgħaddu sigħat twal jaħdmu u jippreparaw.*